MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 2521/2000/1

**Nazzareno Azzopardi**

**Vs**

**Maria Dolores Fenech**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi fit-22 ta' Lulju, 2000 ghall-habta tal-10.00 Dennis Azzopardi kien qieghed isuq il-vettura tal-marka Toyota numru tar-registrazzjoni DEN 123, proprjeta' tal-attur, mill-Ghadira lejn id-direzzjoni tat-Torri l-Abjad;

U premess illi fl-istess data u hin il-konvenuta filwaqt li kienet qed issuq il-vettura tal-marka Suzuki Samurai

numru tar-registrazzjoni FAA 682 minn *Little Armier* lejn id-direzzjoni tal-Ghadira, minhabba negligenza, mprudenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha dahlet fil-vettura tal-attur numru tar-registrazzjoni DEN 123 misjuqa minn Dennis Azzopardi kif fuq inghad, b'rizultat illi l-vettura tal-attur sfat dannaggjata, hekk kif jirrizulta mir-rapport u *sketch* rilaxxjat mill-Pulizija hawn anness u mmarkat Dok A;

U premess illi l-konvenuta interpellata, sabiex tersaq ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni sofferti mill-attur, dina baqghet inadempjenti;

Tghid ghalhekk il-konvenuta, il-ghaliex ma' ghandhiex dina l-Qorti, ghar-ragunijiet fuq imsemmija u prevja okkorrendo kull dikjarazzjoni mehtiega w opportuna li:

1. Tiddikjara illi l-incident awtomobilistiku fuq imsemmi tat-22 ta' Lulju 2000 f'Armier, Limiti tal-Mellieha, Armier, okkorra unikament tort tal-konvenuta minhabba negligenza, mprudenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha.

2. Tiddikjara, ghalhekk, lill-konvenuta bhala responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-attur bhala konsegwenza tal-incident stradali fuq imsemmi.

3. Tillikwida,okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi d-danni kollha sofferti mill-attur bhala konsegwenza tal-incident stradali fuq imsemmi.

4. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur dik is-somma hekk kif likwidata fit-tielet talba rapprezentanti d-danni sofferti mill-attur bhala konsegwenza tal-incident stradali fuq imsemmi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali fuq imsemmija u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-incident sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuta li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta** a fol. 14 tal-process fejn eccepiet:

1. Illi t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi ghall-incident mertu ta' din il-kawza kien jahti unikament Dennis Azzopardi, li kien qed isuq il-vettura proprjeta' tal-attur, u dana b'imprudenza, negligenza w inosservanza tar-regolamenti tas-sewqan.

2. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti *in toto* bl-ispejjez.

3. Illi riferibbilment ghat-talba ghall-hlas ta' imghax, din it-talba mhux sostenibbli legalment billi l-attur mhux qed jitlob ammont determinat.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

**PROVI**

Skond ir-rapport tal-pulizija, Dennis Azzopardi, li kien qed isuq il-karozza ta' l-attur, qal li hu kien "proceeding from Ghadira towards Torri l-Abjad while all of a sudden vehicle FAA682 emerged from side road on the wrong side towards Ghadira and in fact I applied the brakes and driver of car FAA682 stopped for a split of a second and then continued to emerge from the said side road which takes to Little Armier and the collision occurred".

Minn naha l-ohra l-konvenuta qalet lill-pulizija li "she was emerging from Little Armier and stopped on the stop sign facing on both sides and when she saw no vehicles coming she emerged on the main road towards Ghadira. All of a sudden she saw vehicle DEN 123 coming towards them on a high speed and vehicle DEN 123 lost control and collided in the jeep" (fol. 28).

Meta xehed fil-Qorti PC 534 Joseph Cini kkonferma l-verzjonijiet li kienu tawh iz-zewg sewwieqa. Hu zied ighid li l-*brakemarks* kienu kif indikati fuq l-iskizz, dritti. Hu ma setghax isib l-i*spot of impact* billi l-hgieg kien imferrex

kullimkien. Id-daqqa kienet qawwija u l-hsarat fuq il-karozzi kienu estensivi. Minn fejn kienet hierga l-konvenuta kien hemm *Stop Sign*.

Fil-Qorti Dennis Azzopardi xehed li kien qed isuq fuq is-*side* tieghu bi *speed* ta’ bejn 50/60 kfs sejjer lejn it-Torri l-Abjad. F’daqqa wahda l-konvenuta spuntat minn *side road* minn naha fejn jidhlu l-karozzi u mhux minn fuq l-i*stop sign* biex tmur fid-direzzjoni ta’ l-Ghadira. Kif ghamlet hekk lilu ma taghtu ebda cans ghax sabha ma wiccu. Ghafas il-*brake* u pprova jiskapulha billi gibed kemm jista’ fuq il-lemin tieghu izda xorta sar l-impatt. Billi kien hemm iz-zrar fit-triq iz-zewg vetturi tkaxkru. Meta l-konvenuta spuntat mis-*side road* u ratu, minflok waqfet, hija ppanikjat u ghafset aktar il-gass u gara l-incident. Mad-daqqa l-vettura tal-konvenuta daret fuqha nnfisha u giet thares lejn id-direzzjoni tat-Torri l-Abjad.

Il-konvenuta xehdet li qabel harget mis-*side street* hija waqfet fuq l-i*stop sign*, harset ghal darba darbtejn, imbaghad harget ghax ma kien gej hadd u meta ddrittat u kienet sejra fid-direzzjoni ta’ l-Ghadira hin minnhom rat van gej b’velocita’ enormi jaqsam minn naha ghall-ohra. Hi waqfet tistenna ghax ma kienitx taf fejn ser taqbad tmur u hin minnhom ratu gej *wrong side* ghal fuqha. Maghha kellha lill-mara ta’ hu r-ragel u zewgt itfal. Bid-daqqa, l-karozza taghha daret dawra tond. L-attur halla zewg *brakemarks*; dawk li kienu fid-dritt u dawk li gew *wrong side* ghal fuqha.

## KONSIDERAZZJONIJIET

### Responsabilita’ ghall-incident

Illi ghalkemm l-attur qed jirritjeni li l-*insurance* tal-konvenuta kienu tawh ragun u qalu li kienu ser jihallsuh, dana gie michud minn rapprezentant ta’ l-assikurazzjoni li qalet li mill-file taghha ma kellha xejn f’dan is-sens. Inoltre jekk il-konvenuta, cjoe l-assikurata, ma kienitx qed tammetti l-assikurazzjoni ma setghet taghmel xejn billi ma setghux jaccettaw ir-responsabilita’ u jhallsu.

**Sewqan tal-konvenuta**

F'dan il-kaz il-konvenuta kienet *side road user* li trid tohrog ghal fuq il-*main road*. Inoltre hija kellha *stop sign* fit-tarf tat-triq li minnha kienet ser tohrog.

Skond il-Highway Code, l-artikolu 91 jipprovvdi li: "Unless otherwise indicated, traffic on the major road has right of way on traffic crossing, joining or leaving the major road". L-artikolu 84 jghid: "Use extra care at junctions and intersections**. STOP at STOP SIGNS"**.

Gie diversi drabi ritenut mill-Qrati taghna li:

"Is-'side road use'r ghandu l-obbligu li jcedi ghat-traffiku fuq il-*main road*, li jesplora tajjeb il-*main road* qabel johrog fiha, u li jimxi 'dead slow' u sahansitra jwaqqaf, biex jaccerta ruhhu li jista johrog bla hsara".

"Il-*main road user* ghandu wkoll l-obbligu li joqghod attent imma l-grad ta' diligenza li jinkombi lilu hu ferm anqas minn dak tas-*side road user* ghax hu ma jkunx qieghed jiddisturba l-kors tat-traffiku, imma jkun miexi ghad-dritt. " (Ara App.Civ. Mag.A.Stagno Navarra vs N.Saliba Vol XLV p1 p 389; Il-Pulizija vs G.Buttigieg et Vol XLV11 p4 p 1198; VOl XLV1 p1 p 112; Camilleri vs Dimech App Civ. 27.7.91; Portelli vs Spiteri PA/JSP 16/12/93;PA Gauci Maistre vs Galea 22.2.94 JSP).

Fil-kaz in ezami Dennis Azzopardi qed jghid li l-konvenuta hargitu mis-*side road* f'daqqa, minn naha hazin tat-triq, bla ma taghtu cans. Minflok waqfet, il-konvenuta ppanikjat u ghafset aktar il-gass u gara l-incident. Hu pprova jevitaha pero' kien kollu ghal xejn. Din il-verzjoni ta' Azzopardi hija l-istess li hu kien qal lill-pulizija *a tempo vergine*.

Minn naha l-ohra l-verzjoni tal-konvenuta li tat fil-Qorti hija differenti minn dika li hija tat lill-pulizija *a tempo vergine*. Fil-fatt fil-Qorti l-konvenuta qed tghid li hija kienet diga dahlet fil-*main road* ghad-dritt u hin minnhom rat lil Azzopardi gej b'velocita' enormi jaqsam minn naha ghall-ohra. Hi waqfet tistenna ghax ma kienitx taf fejn ser

taqbad tmur u dan gie *wrong side* ghal fuqha. Din hija verzjoni kompletament differenti minn dika li xehed dwarha l-pulizija fejn qal li l-konvenuta qaltlu li *she saw no vehicles coming she emerged on the main road towards Ghadira. All of a sudden she saw vehicle DEN 123 coming towards them on a high speed and vehicle DEN 123 lost control and collided in the jeep". (fol. 28).*

Il-Qorti hi tal-fehma li l-incident gara kif xehed Dennis Azzopardi liema versjoni tikkonferma dak li kienet qalet il-konvenuta lill Pulizija a tempo vergine cjoe li kienet harget mis-side road u sabet lill Azzopardi fuqha. Mhiex skuza ghal konvenuta li tghid li hija kienet lahqet harget ghax "Il-fatt li s-side road user gie milqut meta kien ittraversa bicca sewwa mit-triq principali huwa rrilevanti" App.Krim. Pul vs C.Balzan 27.5.67. F'dan il-kaz il-konvenuta ma kinitx ittraversat l-karreggjati ghax kieku l-karozza taghha ma kinitx tibqa fuq n-naha tax-xellug tat-triq. Dan ifisser li Azzopardi kien fuq is-side tieghu u mar in-naha l-ohra tat-triq biex jevitata. Dan hu konfermat mill-brakemarks.

Il-konvenuta kellha toqghod aktar attenta billi hija mhux biss kienet ser taqsam il-karreggjata li fuqha kien ghaddej Dennis Azzopardi imma kellha wkoll taqsam il-karreggjata l-ohra tal-karozzi li mit-Torri l-Abjad ikunu sejrin lejn l-Ghadira.

Id-dover tas-*side road user* hu li dan "irid jidhol gol 'main road' bla ma jiehu riskji li *driver* prudenti ma jiehux". *Side road user* ma jistghax johrog go *main road* bl-izgiccaturi. App.Krim Pul vs G.Gales Vol 37 p 1108 "Meta wiehed jigi biex jaqsam it-triq b'karozza dan irid jara li ma jkunx hemm traffiku, mhux biss meta jibda jaqsam imma anke sakemm jaqsam ghal kollox". App Civ. H.Farrugia vs R.Ripard. 15.2.74

Il-konvenuta kellha *Stop Sign* u dan ifisser li hija kellha tieqaf kompletament u tesplora t-triq biex tara li ma kienux gejjin karozzi. Minn fejn kien gej Azzopardi hija triq ghad-dritt u fit-tul, u kieku l-konvenuta waqfet u harset sew, zgur li kienet tara lil Azzopardi gej u thallih jghaddi. Inoltre l-konvenuta ma hargitx kif suppost minn fuq is-*stop sign*,

cjoe minn naha tax-xellug tat-triq imma gibdet lejn il-lemin u *she cut the corner* u dana meta riedet taqsam zewg karreggjati. B'dan il-fatt hija akkorcjat id-distanza bejnha u Azzopardi li taghtu nqas cans biex jevitaha.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li t-tort ghall-incident kien principalment tal-konvenuta. Il-Qorti pero' trid tara jekk kienx hemm xi htija kontributorja da parti ta' Azzopardi li setghet wasslet ghall-incident.

**Sewqan ta' Dennis Azzopardi**

Il-konvenuta qed tallega li Azzopardi kien gej bi speed "enormi".

Rigward il-principji rikonoxxuti fil-gurisprudenza "in civilibus" rigward l-effett ta' **velocita' ecessiva tal-'main road user'** fuq id-determinazzzjoni tar-responsabilita' tas-sinistru, gie kostantement ritenut illi waqt li l-velocita' eccessiv ghal dik regolamentari, jekk tirrizulta pruvata, tesponi lid-*driver* ghall-proceduri kriminali kontra tieghu ghall-vjolazzjoni tar-regolamenti tas-sewqan appositi; tali velocita' eccessiva fiha nnifisha ma tisghtax titqies *a priori* bhala fattur determinanti ghar-responsabilita' ghall-incident jew kontributorju ghalih. Irid jigi stabbilit sodisfacentement illi l-velocita' eccessiva kienet l-element determinanti li pprovoka l-incident u li tista' titqies bhala l-kawza prossima tal-akkadut (Ara sentenza A.Stanley vs A.Zahra PA JSP 23.3.93).

"Il-velocita' tal-parti l-ohra mhix skuza ghad-driver li jonqos mill-osservanza tad-dmirijiet tieghu tas-sewqan" *(Vol 29 p 557).*

Fil-kaz in ezami Azzopardi xehed li kien ghaddej bi *speed* ta' bejn 50/60 km/h sejjer lejn it-Torri l-Abjad. It-triq hija *main road*, hija fit-tul, wiesgha u dizabitata. Il-konvenuta xehdet li Azzopardi kien gej bi *speed* enormi. Bid-daqqa l-karozza tal-konvenuta giet imdawwra. Id-daqqa kienet qawwija u l-hsarat fuq il-karozzi kienu estensivi. Azzopardi halla *brake marks* ta' 23.6 meters. Skond il-Highway Code 24m *braking distance* iridu 12m *thinking distance* li jfisser

li persuna b’hekk tkun ghaddejja bill- 60km/h. Fit-triq li kien ghaddej minnha Azzopardi tiflah *speed* ta’ 80km/h billi kien qieghed *outside built-up area*.

Il-konvenuta qed tissottometti li Azzopardi ma waqafx biss bil-*brakes* izda huwa waqaf ghax zamm mal-karozza taghha ukoll. Dan huwa minnu, imma anke b’daqshekk Azzopardi kien ghadu entro l-limitu regolamentari u jekk mar oltre, ma jirrizultax li huwa kien ghaddej bi *speed* sfrenat. "Il-fatt li sewwieq ikun qed isuq karozza b'velocita' eccedenti l-ispeed massimu regolamentari, jekk dan ma jkunx il-kawza determinanti tal-kollizzjoni, huwa m'ghandux jinstab responsabbili lanqas fi grad ta' kontributorjeta' *purche* l-i*speed* tieghu ma jkunx dak li jista’ jissejjah "sfrenat" *(S.Mizzi vs J.Grech 23/3/72 u A.Bartolo vs K.Micallef 16.2.73).*

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li ma jirrizultax li l-velocita' li kien ghaddej biha Azzopardi kienet element determinanti li pprovoka l-incident u li tista' titqies bhala l-kawza prossima tal-akkadut imma kien il-hrug inaspettat u hazin tal-konvenuta mis-*side road* ghal fuq il-*main road* minghajr ma waqfet fuq l-i*stop sign* li pprovoka l-incident. Kieku l-konvenuta ma hargitx kif harget l-incident ma kienx isir.

**Danni**

L-attur xehed li bhala konsegwenza ta’ dana l-incident huwa sofra danni fil-karozza tieghu fl-ammont ta’ Lm1,341.94. Ara prospett tad-danni Dok. NA1 fol. 37. Dawn l-ammonti ma gewx kontestati u whud minnhom gew konfermati minn min ghamel ix-xoghol.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
billi tiddikjara illi l-incident awtomobilistiku tat-22 ta’ Lulju, 2000 f’Armier, Limiti tal-Mellieha, Armier, gara unikament tort tal-konvenuta minhabba negligenza, imprudenza u

nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha;
Tiddikjara, ghalhekk, lill-konvenuta bhala responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-attur bhala konsegwenza tal-incident stradali fuq imsemmi;
Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur bhala konsegwenza tal-incident stradali fuq imsemmi fis-somma ta' elf, tlett mija wiehed u erbghin lira Maltin u erbgha u disghin centezmi (Lm1,341.94);
Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma hekk kif likwidata;
Bl-ispejjez kontra l-konvenuta u
bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------